

(2) It-tieni motiv: il-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata applikat b'mod żbaljat l-Artikolu 107(1) TFUE u kisret il-forom proċedurali sostanzjali peress li hija evalwat b'mod żbaljat il-fatti u mmotivat id-deċiżjoni kkontestata b'mod insuffiċċjenti u/jew żbaljat għal dak li jirrigwarda l-konklużjoni li l-miżura ta' rikapitalizzazzjoni lil Elan fl-2008 ma kinitx ġiet implementata skont il-prinċipju ta' investitur privat li jopera f'ekonomija tas-suq u għaldaqstant għe mogħti lill-kumpannija Elan vantaġġ selettiv.

Ir-rikorrenti ssostrni permezz tar-rikors tagħha li l-miżura ta' rikapitalizzazzjoni lil Elan fl-2008 kienet ġiet implementata skont il-prinċipju ta' investitur privat li jopera f'ekonomija tas-suq peress li s-soċji fil-waqt tad-deċiżjoni dwar l-għaj-nuna fil-forma ta' rikapitalizzazzjoni straħu fuq l-evalwazzjoni tal-impriża billi għustament hađu inkunsiderazzjoni l-fatt li l-attività ta' Elan kienet marret lura fil-parti l-kbira tax-xitwa 2007/2008 u għalhekk ukoll matul l-ewwel tliet xhur tal-2008. Id-deterjorament tal-attività fl-2008 ma kienx daqshekk drastiku li jinfluwenza l-kredibbiltà tal-valutazzjoni tal-valur tal-impriża. Is-soċji adottaw id-deċiżjoni tagħhom bħala azzjonisti fuq żmien twil ta' impriża li kienet haġġet wiċċha ma' diffikultajiet temporanji, iżda li kienet kapaċi fuq tul ta' żmien mhux biss li tkompli tiffunzjona, iżda ukoll li terġa' tibda tagħmel profitt. Il-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata ma ċċaratx b'mod suffiċċjenti għalfejn hija haġġet inkunsiderazzjoni b'mod selettiv il-valutazzjoni tal-valur ta' impriża, u b'dan il-mod kienet qed taġixxi b'man-jiera arbitrija.

Rikors ippreżentat fis-27 ta' Novembru 2012 — Ted-Invest vs UASI — Scandia Down (sensi scandia)

(Kawża T-516/12)

(2013/C 32/31)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Ted — Invest EOOD (Plovdiv, il-Bulgarija) (rappreżentant: A. Ivanova, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Scandia Down LLC (Weehawken, l-Istati Uniti tal-Amerka)

Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tas-6 ta' Settembru 2012 fil-Każ R 2247/2011-1, li tiddikjara t-trade mark bħala invalida għall-prodotti fil-klassijiet 20 u 24;

— sussidjarjament, jekk il-Qorti Ġenerali ma tilqax ir-rikors kollu, tilqa' ir-rikors u tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell rigward il-prodotti fil-klassi 20.

Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità: it-trade mark figurattiva "sensi scandia", għal prodotti fil-klassijiet 16, 20 u 24 — Rreġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja Nru 8 596 975

Proprietarju tat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti

Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja: il-parti l-oħra fil-proċeduri quddiem il-Bord tal-Appell

Motivazzjoni tat-talba għal invalidità: it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità kienet ibbażata fuq ir-raġunijiet stabbiliti fl-Artikolu 53(1) moqri flimkien mal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, u kienet ibbażata fuq ir-reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja Nru 8 173 312 tat-trade mark verbali "SCANDIA HOME", għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 20, 24, 25 u 35

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni: tiddikjara t-trade mark ikkontestata invalida

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 53 (1) moqri flimkien mal-Artikoli 8(2) u 8(1) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fit-23 ta' Novembru 2012 — Alro vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-517/12)

(2013/C 32/32)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Alro SA (Slatina, ir-Rumanija) (rappreżentanti: C. Quigley, QC, O. Bretz, solicitor, u S. Verschuur, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' April 2012 li tiftaħ, abbażi tal-Artikolu 108(2) tat-Trattat dwar il-Funzjo-nament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") u tal-Artikolu 4(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999⁽¹⁾ (ir-Regola-ment dwar il-Proċedura), investigazzjoni formali fir-rigward tal-għoti allegatament illegali ta' għaj-nuna mill-Istat mir-Rumanija, permezz tal-kontroll tagħha fi Hidroelectrica S.A. ("Hidroelectrica"), lil ALRO fil-forma ta' tariffi preferen-zjali għax-xiri ta' elettriku permezz ta' kuntratt konkluż- li-2005 u l-emendi suċċessivi tiegħu;

— sussidjarjament, tannulla l-imsemmija deċiżjoni tas-26 ta' April 2012 sa fejn tapplika għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2009;

— tordna lill-Kummissjoni tħallas l-ispejjeż tar-rikorrenti.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

(1) L-ewwel motiv huwa bbażat fuq żball materjali ta' liġi

Fir-rigward tal-ewwel motiv, li jsostni li l-Kummissjoni wettqet żball materjali ta' liġi fir-rigward tal-portata tal-Artikolu 107(1) TFUE, ALRO ser turi li l-Kummissjoni naqset milli tapplika b'mod xieraq ir-rekwiżiti dwar l-imputabbiltà, kif stabbiliti fil-Kawża C-482/99 Franza vs Il-Kummissjoni (C-482/99, Ġabra. 2002 p. I-4397) (sentenza Stardust Marine). B'mod partikolari, il-Kummissjoni ppruvat tibbaża l-analiżi tagħha biss fuq indikaturi "organiċi". Madankollu, ALRO ser turi li r-rekwiżiti stabbiliti fis-sentenza Stardust Marine jeħtieġu wkoll li l-Kummissjoni turi l-eżistenza ta' indikaturi oħra għaliex indikaturi "organiċi" fiżolament ma humiex suffiċjenti biex tiġi stabbilita l-imputabbiltà.

(2) It-tieni motiv huwa bbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni

Fir-rigward tat-tieni motiv, li jsostni li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni meta laħqet il-konklużjoni li l-azzjonijiet ta' Hidroelettrica kienu attribwiti lill-Istat Rumun, ALRO ser turi li l-Kummissjoni naqset milli tanalizza b'mod korrett l-istruttura ta' governanza ta' Hidroelettrica u l-impatt li din l-istruttura għandha fuq il-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet ta' din l-organizzazzjoni. It-tieni nett, ALRO ser tispjega għaliex il-Kummissjoni kienet żbaljata meta qabblat il-kuntratt ta' ALRO mal-ftehim bejn Hidroelettrica u ArcelorMittal. It-tielet nett, hija ser turi għaliex id-Digriet Ministerjali Nru 445/2009 ma huwiex rilevanti għall-analiżi tal-Kummissjoni u għaliex ir-riferimenti tagħha għar-rapporti tal-istampa fl-2010 huma insuffiċjenti biex jintlaħaq il-livell ta' evidenza meħtieġa biex tintwera l-imputabbiltà.

(3) It-tielet motiv huwa bbażat fuq in-natura insuffiċjenti ta' motivazzjoni

Fir-rigward tat-tielet motiv, ALRO ser turi li f'dak li jikkonċerna l-punti li fuqhom ibbażat ruħha l-Kummissjoni (kif imsemmija fil-paragrafu preċedenti), il-Kummissjoni naqset milli tipprovdni motivazzjoni xierqa, u għalhekk aġixxiet b'mod li jmur kontra l-Artikolu 269 TFUE. Tali motivazzjoni hija meħtieġa biex il-Qorti Ġenerali tkun tista' tistħarreġ il-legalità tad-deċiżjoni u li tipprovdni lill-partijiet interessati l-informazzjoni meħtieġa biex huma jkunu jafu jekk id-deċiżjoni hijiex fondata jew le. Kif indikat b'mod iktar dettaljat f'dan ir-rikors, id-deċiżjoni kkontestata tonqos milli tissodisfa dan ir-rekwiżit.

(¹) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339)

Rikors ippreżentat fis-27 ta' Novembru 2012 — Spirlea vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-518/12)

(2013/C 32/33)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Darius Nicolai Spirlea (Capezzano Pianore, l-Italja) u Mihaela Spirlea (Capezzano Pianore) (rappreżentanti: V. Foerster u T. Pahl, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

— tilqa' r-rikors ippreżentat skont l-Artikolu 263 TFUE;

— tiddikjara r-rikors ammissibbli;

— tiddikjara r-rikors fondat u tikkonstata li l-konvenuta kisret il-forom proċedurali sostanzjali u diversi dispożizzjonijiet tad-dritt materjali;

— tannulla, fuq din il-bażi, id-deċiżjoni tas-27 ta' Settembru 2012 li permezz tagħha l-konvenuta għalqet l-proċedura pilota tal-Unjoni Ewropea Nru 2070/11/SNCO (referenza Ares (2012) 1135073);

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw tliet motivi.

(1) L-ewwel motiv, ibbażat fuq il-ħolqien ta' proċedura pilota tal-Unjoni mingħajr l-ebda bażi legali (Artikoli 290 u 291 TFUE)

— Fil-kuntest ta' dan il-motiv ir-rikorrenti jsostnu li l-introduzzjoni tal-proċedura pilota tal-Unjoni kellha l-effett li tistabbilixxi kundizzjoni proċedurali supplementari li ma hijiex prevista fl-Artikolu 258 TFUE. Il-Kummissjoni tagħmel użu minn din il-kundizzjoni proċedurali fil-kuntest ta' proċedura illegali u mhux trasparenti, b'tali mod li tikkawżha żnaturament tal-proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu prevista fl-Artikolu 258 TFUE, u dan filwaqt li ma għandha l-ebda awtorità jew delega sabiex tagħmel dan taħt it-Trattati tal-Unjoni Ewropea.